# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 ta' Mejju, 2017.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 52/2009 SM**

**Mouwafak Toutoungi I.D. 388090M u**
**Tariq Razee Hidayathullah I.D. 27415A**
**Haroun Ali I.D. 514692M u Mouhanad**
**Toutoungi li ghandu passaport Svizzeru**
**F0634648 u Elkatwy Houssein Ahmed**
**Hussein I.D. 21910A Ashraf Abde Azzedine**
**I.D. 37832A**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Chairman**
**Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Izvilupp**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat id-29 ta’ Settembru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi tlieta mir-rikorrenti kif indikati fl-istess rikors promotur huma inkwilini tal-appartament numru 126A, *“Brighton Apartments”*, Triq it-Torri, tas-Sliema;

1.2. Illi erbgha mir-rikorrenti kif indikati wkoll fl-istess rikors promotur kienu l-inkwilini tal-fond numru 52, Flat 1, Blokk B, *“St Peter Court”*, Triq il-Villeggiatura, San Pawl il-Bahar;

1.3. Illi fiz-zewg (2) fondi fuq indikati l-istess inkwilini kienu responsabbli *in solidum* ghall-hlas tal-kera biex b’hekk jesegwixxu l-obbligi religjuzi taghhom u juzaw l-istess bhala residenza ghal min ikun fil-bzonn;

1.4. Illi bi ftehim mas-sid ir-rikorrenti rrinunzjaw mill-kirja ta’ San Pawl il-Bahar;

1.5. Illi in effetti fiz-zewg (2) appartamenti fuq indikati kienu joqoghdu nies qabel ma sabu akkomodazzjoni ohra;

1.6. Illi anke kien hemm persuna li rregistrat il-karta tal-identita` taghha fl-appartament ta’ tas-Sliema – ghalkemm ma baqghetx aktar residenti fl-istess appartament;

1.7. Illi l-komunita` Musulmana f’Malta tiltaqa’ biex titlob f’appartamenti;

1.8. Illi dan ir-religjon hu rikonoxxut internazzjonalment bhala wiehed monoteistika u tirrapprezenta proporzjon qawwi ta’ nies;

1.9. Illi l-istess religjon hu rikonoxxut mir-religjon Kattolika fejn anke f’laqghat li jsiru mill-Papa f’Assisi, l-Musulmani jippartecipaw;

1.10. Illi anke f’Malta kienet inzammet konferenza inter-religjuza fejn iz-zewg (2) religjonijiet li ghaliha attenda anke Kardinal;

1.11. Illi fl-imsemmija appartamenti kienu jiltaqghu informalment diversi hbieb tar-rikorrenti li jhaddmu l-istess twemmin u privatament, kienu jipprattikaw l-istess religjon;

1.12. Illi l-ewwel inkwiet inbeda meta sar rapport lill-MEPA fuq l-appartament ta’ tas-Sliema;

1.13. Illi l-posizzjoni originali li hadet l-imsemmija Awtorita` kienet li ma tintromettix ruhha *stante* li din kienet attivita` privata u ghalhekk ma kien hemm bzonn l-ebda permess;

1.14. Illi s-suespost jirrizulta minn risposta ghal protest gudizzjarju fejn l-Awtorita` *de quo* irriteniet li ma kien hemm l-ebda uzu illegali tal-appartament in kwistjoni;

1.15. Illi sussegwentement l-imsemmija Awtorita` bidlet il-posizzjoni taghha u harget “*Stop and Enforcement Notice*”

1.16. Illi konsegwentement, ssigillat l-appartamenti fuq indikati;

1.17. Illi konsegwenza tal-istess, gie eskluz ukoll l-abitazzjoni mill-appartamenti *de quo*;

1.18. Illi r-rikorrenti Mouwafak Toutoungi kien rikonoxxut mill-pulizija;

1.19. Illi f’korrispondenza bejn l-imsemmi rikorrenti u l-MEPA kien iddikjarat li l-appartament ta’ tas-Sliema ma setax jitqies bhala Moskea ghaliex fost l-ohrajn:

1.19.1. Ma kellux minaret;

1.19.2. Ma kellux post fejn isir il-hasil qabel it-talb;

1.19.3. Ma kienx ihares lejn Mekka;

1.20. Illi din hi rizultat ta' diskriminazzjoni religjuza ghaliex hadd qatt ma fixkel:

1.20.1. Ghaqdiet karizmatici milli jiltaqghu f'postijiet privati biex jitolbu, anke bil-kant u daqq ta' kitarri;

1.20.2. Laqghat f'lukandi minghajr permessi biex isir talb fi hdan ir-religjon Kattolika;

1.20.3. *"Coffee Mornings"* tal-Kappillan;

1.20.4. Prezentaturi televizivi milli jorganizzaw laqghat bhal dawn u jxandruhom fuq il-mezzi tax-xandir;

1.20.5. Fil-qrati hdejn l-Awla tal-Appell fi zmien il-Gimgha l-Kbira jkun hemm avviz minn qabel li jkun ser issir quddiesa u jkun hemm talb minghajr il-permess tal-MEPA jew tal-Kummissarju intimat;

1.20.6. Lill-Kamra tal-Avukati milli kull l-ewwel gimgha tax-xahar torganizza quddiesa u talb;

1.20.7. Lil ebda Knisja f'Malta – u m'ghandha bzonn l-ebda permess;

1.20.8. Lill-MEPA stess li torganizza talb fil-bini taghha stess – ma titlobx permess mill-Kummissarju intimat ghal dan;

1.20.9. Illi l-istess MEPA ma tohrog l-ebda *"Enforcement Notice"* fuqha nnifisha;

1.21. Illi r-rikorrenti ddecidew li ma jaghmlu l-ebda proceduri ohra taht il-ligi tal-MEPA *stante* li din mhix kompetenti tiddeciedi fuq diskriminazzjoni;

1.22. Illi l-pulizija interrogat diversi nies li jattendu l-post *de quo* u anke resqu diversi nies quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati b'akkuzi li minghajr licenzja fethu jew zammew postijiet pubblici ghall-qima t'Alla;

1.23. Illi mis-sorveljanza li saret mill-pulizija fir-rigward irrizulta li n-nies kienu jiffrekwentaw l-istess appartamenti biex jitolbu;

1.24. Illi ghalhekk ma rrizultax li kien hemm theddid ghall-ordni pubbliku jew ghas-sigurta` tal-pajjiz;

1.25. Illi l-pulizija involut xhed fl-istess proceduri li l-pulizija qatt m'ghamlet osservazzjonijiet simili fuq gemghat ohra ta' Maltin f'postijiet privati fejn kien qed isir it-talb;

1.26. Illi in vista tal-premess jirrizulta s-segwenti:

1.26.1. Illi hemm vjolazzjonijiet tal-artikli 9, 10, u 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni);

1.26.2. Illi *di piu`* fil-konfront ta' Mouhawad Toutoungi u Elkatwy Houssein Ahmed Hussien hemm applikabbli wkoll l-artiklu 8(1) tal-Konvenzjoni u dan, ghal dak li hu d-dritt tar-rispett tal-hajja privata u tad-dar;

1.26.3. Illi hemm ukoll vjolazzjoni tal-artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni, u dan, b'rabta mal-artiklu 8(1) indikat qabel;

1.27. Illi konsegwentement aderew din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.27.1. Tiddikjara li rizultat tas-suespost hemm vjolazzjoni tal-artiklu 9, 10, 11 u 14 tal-Konvenzjoni *daparti* tal-intimati;

1.27.2. Tiddikjara li hemm ukoll vjolazzjoni tal-artiklu 8(1) tal-Konvenzjoni fil-konfront ta' Mouhanad Toutoungi u Elkatwy Houssein Ahmed Houssein;

1.27.3. Taghti rimedju effettiv, inkluz it-thassir ta' kull procedura penali kontra r-rikorrenti u t-thassir ta' kull ordni tal-MEPA;

1.27.4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.27.5. Tikkundanna lill-intimati ghall-hlas tal-istess danni hekk likwidati;

1.27.6. Takkorda lill-intimati kumpens ghad-danni morali minnhom sofferti;

1.27.7. Bl-ispejjez;

2.0. Rat ir-risposta datata s-7 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha l-Kummissarju intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 9):

2.1. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti jirrigwardaw is-segwenti:

2.1.1. Illi kemm l-*"enforcement notice"* mahruga mill-Awtorita` intimata; u

2.1.2. Il-proceduri kriminali inizjati kontra r-rikorrenti rigwardanti postijiet pubblici uzati ghall-qima;

allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minnhom indikati;

2.2. Illi preliminarjament r-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali *stante* li qed juzaw procedura straordinarja meta kellhom rimedji *ai termini* tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta biex iharsu d-drittijiet taghhom;

2.3. Illi la l-ligi tirrikjedi permess biex wiehed jiftah post ta' qima religjuza, u la r-rikorrenti mhux qed jallegaw li tali rekwezit hu vjolattiv *ut sic* tad-drittijiet fundamentali, u la l-istess rikorrenti jammettu li l-fondi in dizamina jintuzaw ghall-qima religjuza regolarment, allura ma jistghux jilmentaw li bil-fatt biss li gew akkuzati quddiem qorti jikser id-drittijiet fundamentali taghhom;

2.4. Illi r-rikorrenti ghandhom ir-rimedju li jaghti d-dritt tad-difisa u tas-smigh xieraq;

2.5. Illi jekk ir-rikorrenti jallegaw li xi awtorita` imxiet b'mod diskriminatorju jew abbuziv, ghandhom ir-rimedju ordinarju kemm:

2.5.1. Skont il-ligi kontra d-diskriminazzjoni; u

2.5.2. Skont l-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.6. Illi l-azzjoni odjerna hi karenti mill-interess guridiku daparti tar-rikorrenti Mouhanad Toutoungi u Elkatvy Houssein Ahmed Hussien;

2.7. Illi fil-mertu jinghad is-segwenti:

2.7.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.7.2. Illi r-rimedju minnhom mitlub hu insostenibbli *stante* li qed jintalab thassir ta' proceduri penali meta mhu allegat l-ebda nuqqas *daparti* tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija fit-tmexxija ta' tali proceduri, u meta minflok, hu l-obbligu tieghu li jzomm l-ordni pubbliku;

2.7.3. Illi m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 8(1) tal-Konvenzjoni:

2.7.3.i. Illi hu l-obbligu tal-iStat li jirrispetta d-dritt ghall-hajja privata u familjari;

2.7.3.ii. Illi ma jistax jikkoncedi li xi persuna tivvjola l-ligijiet tal-pajjiz;

2.7.3.iii. Illi ma cahhadx lir-rikorrenti mill-access ghall-proprjeta` li r-rikorrenti jallegaw li huma r-residenzi taghhom – *nonostante* li minn spezzjoni tal-istess irrizulta li huma vojta u li kien fihom biss numru ta' twapet fl-art u kotba tat-talb;

2.7.3.iv. Illi l-artiklu 8(2) tal-Konvenzjoni jikkontempla eccezzjonijiet ghad-dritt enuncjat fl-artiklu 8(1) tal-istess li

jaghmel legali u lecitu l-intervent tal-iStat f'dan ir-rigward fl-interess pubbliku kif necessarju f'socjeta` demokratika;

2.7.4. Illi m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 9 tal-Konvenzjoni:

2.7.4.i. Illi hu l-obbligu tal-iStat li jirrispetta d-dritt tal-liberta` tal-hsieb, tal-kuxjenza u tar-religjon;

2.7.4.ii. Illi dan id-dritt hu kostitwit mill-*forum internum* u mill-*forum esternum*;

2.7.4.iii. Illi tal-ewwel hu ezercitat internament u hadd m'ghandu kontroll fuqhu ghajr l-individwu kkoncernat u b'hekk, l-intimat odjern qatt ma jista` jcahhad lir-rikorrenti minn dan id-dritt;

2.7.4.iv. Illi tat-tieni hu d-dritt ta' kulhadd li jimmanifesta r-religjon tieghu fir-rispett tad-drittijiet ta' haddiehor, liema dritt pero`, mhux wiehed assolut *stante* li dan id-dritt hu suggett ghal dawk il-limitazzjonijiet preskritti b'ligi f'socjeta` demokratika;

2.7.4.v. Illi persuna ma tistax tbiddel l-uzu ta' fond minn dak residenzjali ghal dak ta' *qima*, minghajr ma jkollha l-permessi mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti;

2.7.4.vi. Illi l-invokazzjoni tal-artiklu 9 *de quo* ma tissanax l-illegalita` riskontrata;

2.7.4.vii. Illi hu pacifikament risaput li f'Malta hemm post bil-permessi mehtiega fejn persuni li jhaddnu r-religjon tar-rikorrenti jistghu liberament jipprattikaw u jimmanifestaw ir-religjon li jhaddnu;

2.7.4.viii. Illi l-istess post kien moghti lill-istess mill-Gvern ghal dan il-ghan;

2.7.4.ix. Illi ghalhekk hu assurd li l-Gvern jigi akkuzat b'diskriminazzjoni meta kull m'ghamel hu li f'dan il-kaz ma halliex lir-rikorrenti jiksru l-ligi;

2.7.5. Illi m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni:

2.7.5.i. Illi dan l-artiklu jipprotegi d-dritt tal-espressjoni;

2.7.5.ii. Illi mir-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti gew projbiti milli jesprimu r-religjon ta' preferenza taghhom;

2.7.5.iii. Illi r-rikorrenti ghandhom il-possibilita` kollha li jezercitaw id-dritt taghhom ta' espressjoni – f'dan il-kaz – religjuza;

2.7.5.iv. Illi xorta wahda jibqa' l-obbligu li l-post uzat ghal dan l-iskop jinhtieg li jkollu l-permessi necessarji;

2.7.5.v. Illi l-azzjoni kriminali riferita mir-rikorrenti hi *ai termini* tal-ligi li tezigi z-zamma tal-buon ordni kif ragonevolment mehtieg f'socjeta` demokratika;

2.7.6. Illi m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 11 tal-Konvenzjoni:

2.7.6.i. Illi dan l-artiklu jirrigwarda d-dritt ghall-liberta` ta' ghaqda pacifika u ghall-liberta` t'assocjazzjoni;

2.7.6.ii. Illi jirrespingi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li impedihom milli jezercitaw dan id-dritt minhabba l-fatt li qed jirrikjedi permess biex l-istess fond jigi uzat ghal dan l-iskop partikolari;

2.7.7. Illi m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni:

2.7.7.i. Illi jichad bil-qawwa li ddiskrimina kontra r-rikorrenti;

2.7.7.ii. Illi kull m'ghamel hu li applika l-ligi;

2.7.7.iii. Illi d-dritt ghall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni ma jistax jigi invokat biex jissana agir illegali;

2.7.7.iv. Illi biex wiehed jallega diskriminazzjoni ghandu jipparaguna sitwazzjonijiet li mhumiex oggettivament differenti, bhal postijiet fejn wiehed jista' jqim skont ir-religjon tieghu minghajr ma jkun mehtieg permess mill-awtorita` kompetenti;

2.7.7.v. Illi hu pacifiku li r-rikorrenti ma jistghux jirraggiraw dan ir-rekwizit billi superficjalment jiddiskrivu bhala "habib" kull min imur jitlob fil-postijiet gestiti mir-rikorrenti;

2.7.7.vi. Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li mhux kull "distinzjoni" tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens tal-artiklu 14 *de quo*;

2.7.7.vii. Illi l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma disposizzjonijiet ohra tal-Konvenzjoni;

2.8. Illi in vista tal-istess it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikli tal-Konvenzjoni minnhom citati;

2.9. Salv risposti ulterjuri;

2.10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.0. Rat ir-risposta datata wkoll is-7 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha l-Awtorita` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 14):

3.1. Illi r-rikors promotur hu null *stante* li r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji lilhom disponibbli billi ma kkontestawx l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq mahrug fuq is-siti in dizamina;

3.2. Illi r-rikors promotur hu infondat *stante*:

3.2.1. Illi kull proprjeta` f'Malta trid tigi mibnija u wzata skont il-permess rilaxxat mill-Awtorita` *de quo*;

3.2.2. Illi l-Awtorita` intimata ma hadet l-ebda passi kontra r-rikorrenti sakemm il-proprjeta` in dizamina intuzat prevalentement ghall-iskop li ghalih kienet munita b'permess, senjatament, dak ta' residenza;

3.2.3. Illi meta l-istes postijiet ma baqghux jintuzaw bhala residenza izda biex jingabbru n-nies, allura l-Awtorita` intimata kienet kostretta tiehu l-azzjoni skont il-ligi;

3.2.4. Illi biex l-uzu ta' fond jigi kkonvertit minn residenza ghall-post fejn jingabbru n-nies, wiehed jinhtieg li japplika mal-Awtorita` rikorrenti biex jaqleb l-uzu tal-istess fond – haga li r-rikorrenti m'ghamlux, anzi irrifjutaw li jaghmlu;

3.2.5. Illi r-rikorrenti kellhom il-fakolta` jappellaw mill-Avviz fuq riferit, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel);

3.2.6. Illi l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni hi ghal kollox gratuwita;

3.3. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

3.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4.0. Rat is-sentenza preliminari ta' din il-qorti diversament preseduta datata s-27 t'April, 2010, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati:

4.1. Laqghet l-eccezzjoni preliminari sollevata mir-rikorrenti separatament;

4.2. Iddikjarat li r-rikorenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni taghhom;

4.3. Iddeklinat li tezercita s-setghet kostituzzjonali taghha, (ara foll 54 *et sequitur*);

5.0. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Dicembru, 2011 li permezz tieghu din il-qorti kif preseduta, irriappuntat il-kawza ghad-data hemm indikata, (ara foll 52), wara li l-istess kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza taghha datata l-25 ta' Novembru, 2011, (ara foll 30), fejn ghar-ragunijiet hemm indikati iddisponiet mill-appell interpost billi:

5.1. Irrevokat is-sentenza appellata; u

5.2. Ordnat li l-atti tal-kawza jintbaghtu lill-ewwel qorti ghall-kontinwazzjoni fuq il-mertu;

6. Rat il-verbal tal-abbli raprezentanti legali tal-partijiet datat iz-17 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li l-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tar-rikorrenti gew ceduti, (ara folll 116 u 121);

7.0. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti ukoll datat iz-17 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu l-istess informa lill-qorti li *nonostante* l-izvilupp indikat fil-paragrafu precedenti, ara foll 116);

7.1. Illi xorta wahda kien qed jinsisti bil-kawza kontra l-Awtorita` intimata;

7.2. Illi fil-konfront tal-Kummisarju intimat xorta hemm dritt ghal kumpens ghal vjolazzjoni;

8. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 234), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 235, 236 u 248);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata datata l-10 t'Ottubru, 2016, (ara foll 237), flimkien ma' dik tal-Kummissarju intimat datata l-25 t'Ottubru, 2016, (ara foll 249), u tat-traduzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu datata l-24 ta' Mejju, 2016, (ara foll 258);

10. Semghet ix-xhieda prodotta;

11. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti u max-xhieda precedentement mismugha mill-istess qorti diversament preseduta;

12. Hadet konjizzjoni tal-fatt li ghalkemm kien hemm tentattiv ta' transazzjoni dan ma irnexxiex, (ara foll 144 u 146);

13. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz oralment, (ara foll 271);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi jigi sottolineat li din is-sentenza hi fuq il-mertu kif ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fuq indikata u ghalhekk, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti jallegaw li l-intimati iddiskriminaw illegalment kontra taghhom meta rispettivament ipprocedew kriminalment kontra taghhom u hargu avviz biex jiddesisstu mill-uzu li kienu qed jaghmlu bl-appartamenti fuq riferiti;

14.2. Illi rizultat tal-istess jallegaw li l-intimati illedewlhom id-drittijiet fundamentali taghhom fuq specifikatament riferiti;

14.3. Illi r-rikorrenti jsosstnu li l-intimati ma waqfux lill-ghaqdiet Kattolici minnhom referiti fl-ezercizzju religjuz taghhom, (ara paragrafu numru wiehed punt ghoxrin, (1.20.), aktar qabel, u foll 3);

14.4. Illi di piu`, ittiehdu proceduri ta' natura kriminali kontra r-rikorrenti talli fethu u zammew post pubbliku ghall-qima religjuza minghajr permess u talli bil-lejl kissru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u b'mod iehor, (ara foll 21);

14.5. Illi l-avvizi ta' waqfin rilaxxati mill-Awtorita` intimata intbaghtu rispettivament lil Carmen Cilia, (ara foll 28), u lil Joseph Cilia, (ara foll 30), ghall-fond numru 52, *St. Peter's Court*, *Flat* 1, *Blokk* B, Triq il-Villegjatura, San Pawl il-Bahar, u lir-rikorrenti Mouwafak Toutoungi ghall-fond bl-isem "Dar tal-Islam", Triq it-Torri, tas-Sliema, (ara foll 32);

14.6. Illi in risposta tal-istess ir-rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti irrisponda lill-Awtorita` de quo permezz t'ittra datata s-16 ta' Novembru, 2007, (ara foll 34), li permezz taghha sosstna li bl-uzu tal-gemgha ghat-talb in kwistjoni, ma kien qed isir l-ebda tibdil fl-uzu tal-fond;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti fuq il-mertu jistghu jigu sintetikament raggruppati bil-mod segwenti:

15.1. Diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti, (ara paragrafu numru sittax, (16.)); u

15.2. Proceduri Kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, (ara paragrafu numru sitta u tletin, (36.));

Ikkunsidrat:

**A. Diskriminazzjoni:**

16. Illi din il-lanjanza hi rizultat tal-kostatazzjoni tar-rikorrenti li l-awtoritajiet koncernati intervenew biss fil-konfront taghhom biex

iwaqqfuhom mill-attivita` religjuza meta m'ghamlux l-istess lill-elenku ta' kazijiet minnhom reprodott fir-rikors promotur taghhom meta si tratta t'attivitajiet organizzati f'isem ir-religjon Kattolika;

17. Illi jinghad *ad liminem* li l-azzjoni tal-Awtorita` intimata ma tirrizultax li hi ibbazata fuq animu religjuz ta' kwalunkwe tip izda hi biss ippernjata fuq is-sitwazzjoni statutorja prezenti;

18. Illi din il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti wasslu ghal din il-konkluzjoni unilateralment u minghajr ma ressqu prova fir-rigward;

19. Illi li jirrizulta inekwivokament assodat mill-provi *in atti* hu li l-avvizi in dizamina, (ara foll 28, 30 u 32), inhargu *stante* li lill-Awtorita` irrizultala li kien hemm:

> "...zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fi bdil t'uzu minn post residenzjali ... ghall-post ta' gabra ta' nies";

20. Illi jirrizulta li t-tibdil tal-uzu riskontrat imur kontra l-ligi u ghalhekk l-istess Awtorita` intimata kienet kostretta tagixxi biex tigi rispettata l-ligi tal-pajjiz;

21.0. Illi *del resto* ir-ritratti pprezentati *in atti* mir-rapprezentant tal-Awtorita` intimata juru minghajr l-ebda ekwivoku li r-residenza in dizamina ma kienitx ghall-uzu residenzjali jew abitattiv izda ghall-uzu iehor mhux sancit mill-ligi, (ara ritratti a foll 190 *et sequitur*), li juru:

21.1. Appartament spartan;

21.2. Appartament priv minn kwalunkwe arredament li jista' jakkomoda persuni fih;

21.3. Appartament pjuttost malandat u malsan;

21.4. Appartament li fih biss xkaffar fejn jitpoggew iz-zraben tal-fidili u fejn tista' tigi affettwata l-abluzzjoni religjuza precedenti ghas-servizz religjuz in dizamina;

22. Illi l-istess ritratti jassodaw it-tezi tal-Awtorita` li kienet kostretta tintervjeni minhabba l-abbuz *da parte* tar-rikorrenti li taht l-

indole ta' residenza normali intiza li tghix fiha familja normali, r-rikorrenti biddlu l-uzu tal-istess fond b'sotterfug biex permezz tieghu jilhqu l-ghanijiet li riedu jasslu ghalihom minghajr ma jottemporaw ruhom mall-ligijiet tal-pajjiz;

23. Illi *del resto*, l-istess hu affermat minn wiehed mir-rikorrenti li fid-deposizzjoni guramentata tieghu jghid is-segwenti:

> "Wara l-appell ahna bdejna nuzaw appartamenti ohra biex nikkonducu t-talb taghna li ghalih kienu jingabru n-nies", (ara foll 141);
>
> "Mistoqsi jekk uzajtx xi postijiet ohra ghal dan it-talb nghid iva kienu jingabru madwar ghoxrin ruh u dan wara l-hamsa ta' filghaxija u dan kien fil-postijiet mertu tal-kawza. Dawn kienu jingabru kuljum", (ara foll 141);
>
> "Mistoqsi jekk l-appartament ta' San Pawl il-Bahar u ta' tas-Sliema mertu tal-kawza odjerna ghandhomx permess ta' residenzi nghid iva. Sussegwentement bdew jingabru n-nies biex jitolbu go fihom", (ara foll 142);

Ikkunsidrat:

24. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li t-tibdil fl-uzu lamentat mill-Awtorita` intimata jirrizulta abbundantement assodat billi jirrizulta li l-proprjeta` in dizamina ghaddiet minn uzu ghall-iskop ta' residenza ghall-uzu ghall-iskop ta' qima pubblika – uzu li jirrikjedi d-debitu awtorizzazzjoni specifika mill-ligi – haga li ma tirrizultax li giet debitament akkwistata mir-rikorrenti;

25. Illi in effetti kwalunkwe uzu ta' proprjeta` ghall-skop relatat ma qima pubblika jew ghal taghlim ta' natura religjuza tirrikjedi l-permess rilaxxat appozitament mill-Awtorita` intimata – u dan, a skans ta' kull ekwivoku f'vertenza delikata bhal dik in dizamina – indipendentement mit-tip ta' religjon professat;

26. Illi f'dan l-istadju jinghad ukoll bi kjarezza li l-elenku pjuttost nebbiexi ta' sitwazzjonijiet prodott mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom hu wiehed ingannevoli ghaliex mhux qed ixebbah sitwazzjonijiet ugwali ma xulxin;

27. Illi in effetti l-elenku *de quo* isemmi sitwazzjonijiet differenti mill-fatti in dizamina *stante* li l-uzu hemm indikat mhux wiehed ta' natura permanenti ta' kuljum, u konsegwentement il-paragun ma jreggix;

Ikkunsidrat:

28. Illi l-avvizi in dizamina inhargu ghaliex lill-Awtorita` irrizultala li kien hemm tibdil sfaccat fl-uzu tal-fondi in dizamina, haga li irrizultat abbundantement ipprovata anke fil-procedura odjerna fejn giet indirizzata d-differenza esposta fl-Avviz Legali 53 tal-1994, bejn Klassi Numru 1 – dik t'abitazzjoni, u Klassi Numru 7 (e) – dik rigwardanti istituzzjonijiet mhux residenzjali, f'dan il-kaz "postijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' qima pubblika jew taghlim religjuz, jew l-attivitajiet socjali jew rikreattivi ta' korp religjuz" (ara foll 154 u 156 *et sequitur*);

29. Illi di piu` kif jindika l-istess rikorrenti fuq riferit, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.) aktar qabel), l-uzu religjuz li r-rikorrenti kienu qed jaghmlu mill-fondi in dizamina ma kienx *una tantum* izda kien wiehed regolari – ta' kuljum (ara foll 141);

Ikkunsidrat:

30. Illi allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intervent tal-Awtorita` intimata kien motivat minn xi twemmin religjuz antagonista ma tirrizultax ipprovata;

31. Illi li jirrizulta abbundantement assodat hu li l-intervent tal-Awtorita` intimata kien in effetti rizultat tal-intransigenza tar-rikorrenti li anke wara decizjonijiet statali favorevoli, baqghu stinati u baqghu jirrifjutaw josservaw il-ligijiet tal-ippjanar tal-pajjiz;

32. Illi jigi hawn sottolineat li fi stat demokratiku li jopera taht is-saltna tad-dritt, hadd mhu 'l fuq mill-ligi – lanqas l-operat spiritwali;

33. Illi *di piu`*, meta r-rikorrenti ddesistew milli jkomplu jagixxu b'mod illegali fir-rigward, l-Awtorita` de quo itterminat minnufih l-azzjoni ta' infurzar;

Ikkunsidrat:

34. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata li tohrog l-avviz in dizamina ttiehdet bl-animu li:

34.1. Tithares il-ligi tal-pajjiz;

34.2. Ma thalli lil hadd jopera 'l fuq mill-ligi, u

34.3. Minghajr id-diskriminazzjoni lilha raffrontata mir-rikorrenti;

35. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Mohannid Sogr Garzadin vs. l-Onorevoli Prim Ministru et*** datata l-***31 ta' Jannar, 2006***, fejn gie ribadit is-segwenti:

> "Ghalhekk, id-decizjoni li tinhareg ordni ta' tnehhija ttiehdet biex tithares il-ligi, u kienet mehtiega biex tithares il-ligi. Kien ir-rikorrenti li kiser il-ligi, meta ma ghamilx dak li kien mehtieg biex jiggeddidlu l-permess wara t-12 t'Ottubru, 2003, u mhux l-awtoritajiet, li ghamlu dak li trid il-ligi wara illi r-rikorrent kiser il-ligi. Dak li kellu jaghmel ir-rikorrent biex jiggeddidlu l-permess ma kienx xi haga hekk oneruza illi effettivament iccahhdu mit-tgawdija tal-jeddijiet tieghu; kienet biss haga ragonevolment mehtiega biex jitwettqu d-disposizzjonijiet ta' ligi maghmula biex jitharsu dawk l-interessi legittimi illi l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni jaghti lill-istat is-setgha li jhares il-ligi".

> "Billi ghalhekk fil-fehma tal-qorti dan l-episodju kien provokat mhux min-nuqqas tal-intimati li jharsu l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent, izda min-nuqqas tar-rikorrent stess illi jhares id-dispozizzjonijiet ta' ligi legittima, t-talbiet tar-rikorrent ghal rimedju taht l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni ma jistghux jintlaqghu";

Ikkunsidrat:

**B. Proceduri Kriminali:**

36. Illi wiehed mill-iskopijiet li ghalihom ir-rikorrenti intavolaw il-procedura odjerna hu "... it-thassir ta' kull procedura penali kontra taghhom..." (ara foll 4);

37. Illi l-istess rikorrenti jallegaw li anke hawn, l-azzjoni kriminali inizjata mill-Kummissarju intimat f'dan ir-rigward kienet animata minn diskriminazzjoni *stante* li dan qatt m'agixxa bl-istess mod kontra haddiehor;

38. Illi jirrizulta mil-verbal datat iz-17 t'Ottubru, 2013, li l-proceduri kriminali *de quo* kienu ceduti, (ara foll 116 u 121 sa 124);

39. Illi *nonostante* dan ir-rikorrenti baqghu jinsistu bil-procedura odjerna bil-ghan li jinghataw kumpens, (ara foll 116);

40. Illi f'dan ir-rigward jinghad immedjatament li ma jirrizultax li ttiehdu xi azzjonijiet kriminali fil-konfront tar-rikorrenti Mouwafak Toutoungi, u konsegwentement l-istess rikorrenti m'ghandu l-ebda interess guridiku fir-rigward;

Ikkunsidrat:

41. Illi kif stabbilit fl-analizi fattwali fuq elenkat jirrizulta assodat li l-ilment tar-rikorrenti hu effettivament naxxenti minn misinterpretazzjoni taghhom tal-ligi in dizamina li wasslithom biex bl-attitudini intransigenti taghhom jirrifjutaw li josservaw il-ligi *de quo*;

42. Illi in effetti din l-attitudini tar-rikorrenti li jippersistu li ma japplikawx ghall-permess relattiv kif obbligati ma tirrizultax li giet spjegata minnhom;

43. Illi bhal fil-kaz tal-Awtorita` intimata, meta l-Kummissarju intimat inizja l-proceduri kriminali in dizamina li sussegwentement gew minnu irtirati, inizjhom biss biex tithares u tigi respettata l-ligi

tal-pajjiz li kienet qed tigi imkassbra u redikolata bl-azzjonijiet orkestrati mir-rikorrenti;

44. Illi ghalhekk l-azzjonijiet mehuda mill-Kummissarju intimat altru milli kienu mehtiega;

45. Illi kienu r-rikorrenti li kienu qed jippersistu li jiksru l-ligi u ghalhekk, l-istess Kummissarju ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jezigi rispett ghall-istess;

46. Illi ghalhekk ma jirrizulta li kien hemm l-ebda azzjoni diskriminatorja fir-rigward kontra l-interessi tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

47.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

47.1. Takkolji r-risposti tal-intimati;

47.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

47.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**